MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Numru. 1068/2006

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND AQUILINA
SPETTUR JASON AGIUS
VS
*OMISSIS*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat *omissis*, ta' *omissis* sena, bin *omissis*, imwieled *omissis* u residenti *omissis*, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru *omissis,* u akkuzat talli nhar l-10 t'Ottubru 2006, ghal habta tas-siegha u nofs ta' filghodu, gewwa l-bini tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Gudja:
(1) bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess *omissis* kontra l-volonta' taghha, u dan bhala mezz biex hi tigi mgieghlha taghmel xi haga, jew toqghod ghal xi haga

li toffendi l-misthija tas-sess taghha, u dan bi ksur tal-Artikoli 86 u 87 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess persuna *omissis*, u dan bi ksur tal-Artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija *omissis* u l-familja taghha, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, u taghmel ordni ta' protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' *omissis* u l-familja taghha, ai termini tal-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 5) u tal-imputat (a fol 6) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 9).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 86, 87, 207, 209, 28A u 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal disa' xhur prigunerija sospizi ghal sentejn. In oltre, tqieghed lill-imputat taht 'supervision suspended

order’ ghal perjodu ta’ sentejn, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer minnu nominat. Di piu’, il-Qorti tqieghed lill-imputat taht ‘treatment order’, ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li nnutat il-kunsens tieghu ghal din it-terapija, mal-Clinical Psychologist Roberta Holland, liema terapija ghandha tikkonsisti fl-laqghat terapewtici mal-istess psikologa Holland, bi frekwenza ta’ mill-anqas darbtejn fix-xahar ghal perjodu ta’ sentejn, jew skond l-istruzzjonijiet tal-istess Clinical Psychologist Holland.

Apparti minn dan, din il-Qorti qed tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-imputat, ghas-sikurezza tal-kwerelanti u l-familja taghha, ai termini tal-Artikolu 412C(1)(3)(4)(5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan ghal perjodu ta’ tliet snin.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali netta tieghu, l-eta’ giovvanili tieghu, il-koperazzjoni li wera f’dan il-process, ir-rimors tieghu kif ukoll il-motivazzjoni illi wrew il-familjari tieghu fir-rigward tat-terapija li ser jiehu l-imputat.

Il-Qorti tordna divjet tal-pubblikazzjoni tal-isem u l-partikolarijiet kollha tal-imputat in vista tac-cirkostanzi specjali ta’ dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------